**Deċiżjoni tas-Sedja mogħtija mill-Viċi Presidednt tal-Kumitat, l-Onor Frederick Azzopardi f'Seduta numru 220 tal-Erbgħa, 12 ta' Mejju, 2010.**

*Parità fil-votazzjoni fuq emendi għal Mozzjoni - Vot deċisiv (Casting vote) tal-iSpeaker - Kostituzzjoni ta' Malta, Artikolu 71 (2) - Ordni Permanenti 21 - Erskine May .*

Nagħmel referenza għall-motivazzjoni li ġab l-Onor Louise Galea meta eżerċita l-vot deċiżiv bħala Speaker fis-Seduta 177 tat-Tnejn, 14 ta' Diċembru 2009 kif ukoll il-prattika parlamentari kif spjegata minn Erskine May f'paġna 417.

Peress li, wara li ttieħdet votazzjoni mill-Onorevoli Membri preżenti u li jivvotaw, la kien hemm maġġoranza minnhom favur u lanqas kontra l-emenda mressqa mill-Onor Leo Brincat għall-Abbozz u minħabba li r-riżultat tal-votazzjoni kien ta' 34 vot favur u 34 vot kontra;

Peress li f'każ ta' voti indaqs fil-Kamra s-Sedja għandu jkollha u għandha teżerċita vot deċisiv kif titlob il-Kostituzzjoni ta' Malta f'Artikolu 71 (2) u kif jikkonferma l-Ordni Permanenti 21;

U peress li l-prinċipji stabbiliti biex jirregolaw sitwazzjoni bħal din jirriżultaw minn preċedenti f'każijiet simili fil-Kamra tad-Deputati tagħna, appoġġjati minn prattika kif imfissra fl-Erskine May Parliamentary Practice, u ċioe' -

- Li vot deċisiv tal-President fuq emenda ta' Abbozz ta' Liġi għandu jiġi eżerċitat b'mod li l-Abbozz jibqa' fil-forma oriġinali tiegħu;
- Li l-President għandu dejjem jivvota b'mod li, safejn dan ikun possibbli, għandu jitħalla lok għal aktar diskussjoni; u
- Li, fejn mhux possibbli aktar diskussjoni, id-deċiżjoni m'għandhiex tittieħed jekk mhux b'maġġoranza ta' voti tal-Onorevoli Membri preżenti u li jivvotaw;

Is-Sedja tapplika dawn il-prinċipji kif elenkati billi teżerċita l-vot deċisiv tagħha kontra l-emenda mressqa biex il-Kamra jibqa' jkollha quddiemha l-Abbozz kif oriġinarjament preżentata.

Għaldaqstant l-emenda ma għaddietx.